

Brussell, 4 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0192 (NLE)**

9672/18
ADD 1

CLIMA 97
ENV 397
ENER 217
IND 152
COMPET 411
MI 416
ECOFIN 560
TRANS 235
AELE 38
CH 15

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 359 final - Annex
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal DEĊIŻJONI tal-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 359 final - Annex.

Mehmuż: COM(2018) 359 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2018
COM(2018) 359 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI tal-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

Anness

**ID-DEĊIŻJONI Nru 1/2018 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR IL-
KOLLEGAMENT TAL-ISKEMI GĦALL-ISKAMBJU TA' KWOTI TAL-
EMISSJONIJIET TA' GASSIJIET SERRA TAGĦHOM**

dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-
KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-
kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, u
b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 11 sa 13 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar
il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom
għew applikati proviżorjament minn dak inhar li għie ffirmat.

(2) Għie stabbilit Kumitat Konġunt magħmul mir-rappreżentanti tal-Partijiet, bi qbil mal-
Artikolu 12(1) tal-Ftehim.

(3) Skont l-Artikolu 12(4) tal-Ftehim il-Kumitat Konġunt irid jistabbilixxi r-regoli ta'
proċedura tiegħu.

(4) Skont l-Artikolu 12(5) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jwaqqaf il-gruppi
ta' ħidma biex jgħinuh iwettaq xogħlu.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu waħdieni

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, kif stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma
b'dan adottati.

Magħmul bl-Ingliż f'Zurich.

Il-Kumitat Konġunt
Il-President
Is-Segretarju għall-Unjoni Ewropea
Is-Segretarju għall-Iżvizzera

IR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT DWAR L-ETS TAL-UNJONI EWROPEA U TAL-IŻVIZZERA ("IL-KUMITAT KONĠUNT")

Artikolu 1

Il-kompożizzjoni tal-Kumitat Konġunt

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") li jaġixxu f'isem "l-Unjoni Ewropea", minn naħa waħda, u rappreżentanti tal-Konfederazzjoni Żvizzera ("l-Iżvizzera"), min-naħa l-oħra. Minn hawn 'il quddiem, iż-żewġ naħat se jissejġu b'mod individwali bħala "il-Parti" jew flimkien bħala "il-Partijiet".
2. Ir-rappreżentanti tal-Partijiet jistgħu jkunu akkompanjati minn uffiċjali oħrajn li jaġixxu f'isem il-Partijiet.

Artikolu 2

Il-Presidenza

1. Il-presidenza tal-Kumitat Konġunt għandha talterna bejn il-Partijiet kull 12-il xahar. Fl-ewwel sena kalendarja, il-presidenza se tkun tal-Iżvizzera.
2. Il-Parti li jkollha l-presidenza għandha taħtar il-President tal-Kumitat Konġunt u sostitut għalih jew għaliha.
3. Il-President jidderiġi l-ħidma tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 3

L-Osservaturi

Bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi jistieden xi esperti jew rappreżentanti ta' korpi oħra jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt bħala osservaturi biex jipprovdu l-informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi. Il-Kumitat Konġunt għandu jiftiehem it-termini u l-kundizzjonijiet li bihom l-osservaturi jkunu jistgħu jattendu għal-laqgħat.

Artikolu 4

Is-Segretarjat

1. Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-gvern tal-Iżvizzera li għandhom jaġixxu b'mod konġunt.
2. Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt għandu jkollhom ir-responsabbiltà biex il-Partijiet jikkomunikaw bejniethom, u din ir-responsabbiltà tinkludi li jibagħtu d-dokumenti.
3. Il-funzjonijiet sekretarjali huma taħt ir-responsabbiltà tal-Parti li jkollha l-presidenza.

Artikolu 5

Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' skont il-bżonn, fil-prinċipju darba fis-sena. Wara li jikkonsulta mal-Partijiet, il-President għandu jsejjaħ laqgħa tal-Kumitat Konġunt f'ħin u f'post li jiġu miftiehma b'mod reċiproku. Jistgħu wkoll isiru konferenzi telefoniċi u vidjokonferenzi jekk jiftiehem dwar dan il-Partijiet bejniethom. Il-President għandu jsejjaħ seduta speċjali tal-Kumitat Konġunt jekk jitolbuh l-Unjoni Ewropea jew l-Iżvizzera. Skont l-

Artikolu 12(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' qabel ma jgħaddu 30 jum tal-kalendarju wara li ssir talba għal dan.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' fi Brussell jew fl-Iżvizzera, skont liema mill-Partijiet ikollha l-Prezidenza, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.

3. Il-Prezidenza għandha tibgħat avviż dwar is-sejħa tal-laqgħa, flimkien mal-abbozz tal-aġenda u d-dokumenti meħtieġa għal-laqgħa, lir-rappreżentanti tal-Partijiet għallinqas 21 jum kalendarju qabel il-laqgħa. Id-dokumenti għal-laqgħat li jissejħu bi qbil mal-Artikolu 12(2) tal-Ftehim għandhom jintbagħtu mill-inqas sebat ijiem kalendarji qabel il-laqgħa.

4. Bi ftehim mal-Partijiet, il-President jista' jqassar il-limiti taż-żmien indikati fil-paragrafu 3 biex jitqiesu r-rekwiżiti ta' xi kwistjoni partikolari.

5. Il-President għandu jiġi infurmat dwar il-kompożizzjoni tad-delegazzjoni ta' kull Parti mill-inqas sebat ijiem kalendarji qabel kull laqgħa.

6. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi sakemm il-Partijiet ma jiddeciđux mod ieħor.

Artikolu 6

L-Aġenda

1. Il-President, bl-għajjnuna tas-Segretarji, għandu jħejji l-aġenda proviżorja ta' kull laqgħa.

2. Kull Parti tista' titlob li jiddaħħlu kwistjonijiet addizzjonali fl-aġenda. Din it-talba għandha tkun issostanzjata kif jixraq u tintbagħat bil-miktub lill-President mill-inqas sebat ijiem kalendarji qabel il-laqgħa.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu japprova l-aġenda fil-bidu tal-laqgħa.

Artikolu 7

Il-gruppi ta' ħidma tal-Kumitat Konġunt

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jiftiehem dwar il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma jew tas-sottokumitati li jkunu se jitwaqqfu bi qbil mal-Artikolu 12(5).

2. Il-gruppi ta' ħidma jew is-sottokumitati għandhom japplikaw dawn ir-Regoli ta' Proċedura *mutatis mutandis*.

3. Il-grupp ta' ħidma jew is-sottokumitati għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt u jirrappurtawlu wara kull laqgħa li jkollhom. Ma għandhomx ikunu awtorizzati li jieħdu d-deċiżjonijiet, iżda jistgħu jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom lill-Kumitat Konġunt.

4. Bi qbil mal-Artikolu 8 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeciđedi li jemenda jew itemm il-mandat tal-gruppi ta' ħidma jew tas-sottokumitati.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Skont il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet u jħejji r-rakkomandazzjonijiet bi qbil reċiproku tal-Partijiet. Dawn jingħataw it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni", segwit minn numru sekwenzjali, id-data tal-adozzjoni u referenza għas-suġġett.

2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu ffirmati mill-President u mis-Segretarji u jitqassmu mal-Partijiet.
3. Kull Parti tista' tiddeċiedi li tippubblika kwalunkwe deċiżjoni jew rakkomandazzjoni li tkun adottata mill-Kumitat Konġunt fil-ġurnal uffiċjali rispettiv tagħha. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin meta jkollhom ħsieb li jipubblikaw deċiżjoni jew rakkomandazzjoni.
4. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta d-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu permezz ta' proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet jaqblu dwar dan. Il-proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn tpartit ta' noti bejn is-Segretarji li jaġixxu bi ftehim mal-Partijiet. Biex dan isir, it-test tal-proposta għandu jitqassam f'limitu ta' żmien ta' mhux inqas minn 21 jum tal-kalendarju, u f'dan iż-żmien għandhom jintgħarrfu kull riżerva jew emenda. F'ċirkostanzi speċjali, il-President jista' jqassar il-limitu taż-żmien, bi qbil mal-Partijiet. Ladarba jiġi miftiehem it-test, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni għandha tkun iffirmata mill-President u mis-Segretarji.
5. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt li jemendaw l-Annessi tal-Ftehim għandhom jiġu adottati bil-lingwi awtentiċi tal-Ftehim.
6. Waqt l-applikazzjoni proviżorja tal-Artikoli 11 sa 13 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jħejji d-deċiżjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim. Deċiżjoni formali tal-Kumitat Konġunt li jkollha effett vinkolanti tibda sseħħ biss wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Artikolu 9

Il-minuti

1. Is-Segretarjat għandu jħejji l-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa. L-abbozz għandu jindika d-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu u r-rakkomandazzjonijiet li jkunu tħejjew. L-abbozz tal-minuti għandu jitressaq lill-Kumitat Konġunt biex jiġi adottat. Ladarba jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt, il-minuti għandhom ikunu ffirmati mill-President u mis-Segretarji.
2. L-abbozz tal-minuti għandu jitħejja fl-ewwel 21 jum kalendarju ta' wara l-laqgħa, u jitressqu lill-Kumitat Konġunt biex japprovahom jew permezz ta' proċedura bil-miktub inkella fil-laqgħa li jkun imiss tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 10

Korrispondenza

Kull korrispondenza lill-President tal-Kumitat Konġunt jew mingħandu għandha tintbagħat lis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 11

L-iskambju regolari tal-informazzjoni u l-konsultazzjonijiet

1. Skont l-Artikolu 10(2) tal-Ftehim, Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni tagħha fl-oqsma li huma rilevanti għal dan il-Ftehim.
2. Għal dan l-għan, għandu jkun hemm skambju regolari ta' informazzjoni bejn il-Partijiet u konsultazzjonijiet bejniethom permezz tas-Segretarji tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 12

Il-konfidenzjalità

Meta Parti tressaq informazzjoni li tkun ikklassifikata bħala konfidenzjali quddiem il-Kumitat Konġunt, il-Parti l-oħra għandha tittratta din l-informazzjoni bħala konfidenzjali.

Artikolu 13

Spejjeż

Kull Parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha li ġġarrab b'rabta mal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u tal-gruppi ta' ħidma jew tas-sottokumitati.

Artikolu 14

Emendi

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt bi qbil mal-Artikolu 8.

Artikolu 15

L-applikazzjoni proviżorja

Waqt l-applikazzjoni proviżorja tal-Artikoli 11 sa 13 tal-Ftehim, dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.